MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 851/2007

**Alert Communications Limited C 23487**

**vs**

**MPPS Solutions Limited C 37599**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti ssottomettiet:

1. Illi l-kumpanija ntimata hija debitrici tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' tlettax-il elf u disghin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm13,090.13), rapprezentanti prezz ghal servizzi rikjesti mis-socjeta' ntimata skond il-ftehim u debitament fornuti mis-socjeta' rikorrenti, u dan kif jidher

minn kopja ta’ l-*invoices* hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ‘AC1’;

2. Illi l-kumpanija ntimata, minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, baqghet inadempjenti;

3. Illi d-debitu hawn imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u l-kumpanija ntimata m’ghandiex eccezzjonijiet x’taghti ghat-talba rikorrenti anke in vista ta’ l-affidavit hawn anness u mmarkat bhala Dok. AC2’.

Tghid ghalhekk is-socjeta’ ntimata ghaliex m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti, in vista tas-suespost tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba rikorrenti bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta’ Artiklu 167 et seq. tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12, tal-Ligijiet ta’ Malta) u tikkundanna lill-kumpanija ntimata thallas lill-kumpanija rikorrenti s-somma ta’ tlettax-il elf, u disghin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm13,090.13), rapprezentanti prezz ghal servizzi rikjesti mis-socjeta’ ntimata u debitament fornuti mis-socjeta’ rikorrenti.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-hrug tal-mandati opportuni u bl-imghaxijiet legali, kontra l-kumpanija ntimata li d-diretturi u r-rapprezentanti taghha huma ngunti minn issa in subizzjoni.

Rat **ir-risposta tas-socjeta’ ntimata** a fol. 26 tal-process fejn issottomettiet:

1. Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante illi l-partijiet kienu ftehmu fuq diversi servizzi li kellhom ikunu minghajr hlas u bhala fatt dawn is-servizzi bla hlas issa gew servuti fatturi ghalihom;

2. Illi di piu’ u minghajr pregudizzju ghas-suespost certi servizzi kellhom ikunu bil-hlas meta jibdew jintuzaw biss u dawn is-servizzi bhala fatt ma kienux bdew jintuzaw u

ghalhekk ir-rikorrenti ma kelliex dritt li tibghat kontijiet ghal dawn is-servizzi;

3. Illi di piu' u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kienu ftehmu fuq rati u prezzijiet illi dawn ir-rati u prezzijiet kienu fost l-orhos fl-Ewropa u l-esponenti wara li dahal f'dan il-kuntratt *buona fede* rrizultalu illi kien hemm diversi ditti li kellhom prezzijiet u rati ferm irhas minn dik offruta mis-socjeta' rikorrenti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat ir-risposta ulterjuri tas-socjeta' intimata fejn wiegbet li dina l-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni in vista tal-fatt illi skond il-kondizzjoni pattwita bejn il-partijiet fil-klawsola 17:2 tal-kuntratt datat 6 ta' April 2006 Dok AC 3 kwalunkwe dizgwid kellu jigi regolat bil-procedura ta' arbitragg.
Semghet lill Avukati difensuri

**Klawsola arbitrali**

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni li dina l-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni minhabba l-klawsola arbitrali.

Skond il-klawsola 17:2 fil-ftehim tas-6 ta' April 2006 gie pattwit bejn il-partijiet li:

*"Any dispute, controversy or claim arising out of or relating to this Agreement, or the breach, termination or invalidity thereof, shall be settled by arbitration in accordance with the rules of the Malta Arbitration Centre as at present in force. …Arbitration in terms of this clause shall constitute the sole and exclusive remedy for the resolution of disputes, controversies of claims arising out of or relating to this agreement, or the breach, termination or invalidity thereof".*

**Kontestazzjoni**

L-intimati qed jissottomettu li l-*arbitration clause* tohrog mill-kuntratt u dina l-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni. L-eccezzjoni tista' tinghata fi kwalunkwe stadju tal-proceduri u anke tista' tigi mqajjma ex officio mill-Qorti.

Ir-rikorrenti jissottomettu li l-eccezzjoni hija irritwali u mhux gustifikata billi tmur kontra dak li jipprovvdi l-artikolu 728 (1)(2) tal-kap 12 billi l-eccezzjonijiet kollha sew dilatorji kif ukoll dawk fil-mertu ghandhom jinghataw fin-nota ta' eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz, *a limine litis.*

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-Qrati taghna ammettew il-validita` tal-klawsola arbitrali li tigi stipulata bejn il-kontraenti u li tnehhi l-gurisdizzjoni tal-Qorti, salv ir-rimedju gudizzjarju wara l-arbitragg, jekk ikun il-kaz. (Ara Kollez. Vol. XXV P I p 1071, Vol. XXVIII P I p 674 u Vol. XXXIII P III p 509).

Din il-klawsola tidderoga ghall-gurisdizzjoni ordinarja u tati lok ghall-eccezzjoni ta' nkompetenza.

Bl'emendi ntrodotti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV ta' l-1995 fl-Artikolu 742 (3) hemm provdut li:

*"il-gurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet, sew jekk il-procedimenti ta' arbitragg ikunu nbdew jew le, f'liema kaz il-qorti, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' kull ligi li tirregola l-arbitragg, ghandha twaqqaf il-procedimenti minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu u ghas-setgha li ghandha l-qorti li taghti kull ordni jew direttiva.";*

Il-ligi, f'dan l-Artikolu kif emendat, riedet li jigi assigurat li l-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' kompetenza civili ma tkunx eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partjiet. Riedet ghalhekk tassigura li l-Qrati Civili jkunu jistghu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta' tali ftehim ta' arbitragg, u anke li jkollhom il-

kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilita` tad-decizjonijiet arbitrali permezz ta' atti u mandati kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi ...Id-disposizzjoni 742 (3) ma kinetx intiza biex tinnewtralizza l-effikacja ta' klawsola arbitrali, imma intiza biex tassigura li jkunu l-Qrati Civili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsoli arbitrali kellhom jigu mhaddma. (ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-4 ta' Mejju 1998 "George Camilleri –vs Hugh P. Zammit *nomine*" u "George Xuereb -vs- Accountant General *et*" 28 ta' Frar 1997).

Fil-kaz in ezami meta l-intimati kkontestaw it-talba tar-rikorrenti fir-risposta taghhom huma mkien ma jsemmu li kien hemm xi *dispute* jew *claim* li fuqha setghu jinvokaw il-klawsola arbitrali.

Ir-rikorrenti bdiet tressaq il-provi taghha u kien biss wara x-xhieda ta' Claudine Cassar li l-intimati talbu biex jippresentaw risposta ulterjuri.

Illi l-ewwel darba li r-rikorrenti saru jafu li l-intimati kienu qed jikkontestaw il-kreditu taghhom kienet fin-nota ta' eccezzjonijiet ta' l-intimati. Sa dak in-nhar ma jirrizultax li l-intimati kienu qed jikkontestaw is-servizz li kien qed jinghatalhom. Anzi jirrizulta li l-kawza saret mir-rikorrenti bil-giljottina u huma ddikjaraw li d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u li l-kumpanija intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba tar-rikorrenti,

Min dan jidher car li bejn il-kontendenti, qabel il-kawza, ma kienx hemm xi *dispute* jew *claim* dwar is-servizz moghti. Issa l-kawsola 17:2 tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet tippresupponi li tqum kwistjoni jew *dispute* qabel ma l-partijiet jidhlu l-Qorti u tistabilixxi mezz kif tista' tigi solvuta l-istess *dispute* minghajr ma jkun hemm bzonn li jirrikorru lejn il-Qorti. Ghalhekk mhux permess ghall-intimati li ssa jinvokaw il-klawsola arbitrali f'dina l-kawza meta wrew passivita` prolungata u ma kellhom ebda intenzjoni qabel il-kawza li jimxu fit-triq ta' l-arbitragg.

Ghalhekk lanqas ma hu il-kaz li dina l-eccezzjoni setghet titqajjem *ex officio.* Inoltre *trattandosi* ta' klawsola kompromissorja, il-partijiet setghu jinsistu jew jirrinunzjaw ghaliha ghalhekk mhux il-kaz li l-Qorti kellha tqajjem l-eccezzjoni hi *ex officio*.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tichad l-eccezzjoni ta' l-intimati dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti
Spejjez ghall intimati
U tiddifferixxi l-kawza ghall kontinwazzjoni.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------